



Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2017/2127(INI)

12.9.2017

POŻIZZJONI FIL-FORMA TA' EMENDI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità
(2017/2127(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Rosa Estaràs Ferragut

PA_Legam

EMENDI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarjiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Kunsiderazzjoni 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

- **wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (Sensiela tat-Trattati Ewropej, Nru 5, 1950), u l-protokolli tagħha,**

Emenda 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Kunsiderazzjoni 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

- **wara li kkunsidra l-Karta Soċjali Ewropea (ETS Nru. 35, 1961, riveduta fl-1996; ETS Nru 163),**

Emenda 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Kunsiderazzjoni 5c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

- **wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni Rec(2002)5 tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-protezzjoni tan-nisa kontra l-vjolenza, u r-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2007)17 dwar l-istandards u l-mekkaniżmi ta' ugwaljanza bejn is-sessi,**

Emenda 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Kunsiderazzjoni 5d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

- **wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa (CEDAW, 1979) u l-Protokoll Fakultattiv tagħha (1999),**

Emenda 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Kunsiderazzjoni 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

- **wara li kkunsidra l-istudju tad-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Unjoni tal-Parlament bit-titolu "Discrimination Generated by the Intersection of Gender and Disability" (Diskriminazzjoni Ġġenerata mill-Intersezzjoni tas-Sessi u d-Diżabilità),**

Emenda 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Premessa Aa (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

- Aa billi 80 miljun ruħ b'diżabilità li jgħixu fl-Unjoni Ewropea għandhom ħtieġa sinifikattiva ta' ambjent aċċessibbli u mingħajr preġudizzju; billi wieħed minn kull erba' Ewropej għandu membru tal-famija b'diżabilità; billi hemm madwar 46 miljun mara u tifla b'diżabilità fl-UE, li jiġbor fih madwar 16 % tal-popolazzjoni totali tan-nisa;**

Emenda 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Premessa Ca (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ca billi d-diskriminazzjoni multipla ta' forom u xeħtiet differenti fuq il-bażi tas-sess u d-diżabilità tippersisti u l-effetti tagħha huma soċjali (bħal dawk bi stima personali baxxa, id-dipendenza ekonomika u l-iżolament soċjali), f'dak edukattiv (bħal rati għolja ta' illitteriżmu u kisba edukattiva aktar baxxa, speċjalment għan-nisa) u l-esklużjoni mis-suq tax-xogħol (parteċipazzjoni aktar baxxa fis-suq tax-xogħol; it-tendenza li jokkupaw impjegi temporanji jew prekarji u b'paga baxxa), li jikkawżaw aktar stress u piż psikoloġiku għal persuni b'diżabilitajiet u l-familji tagħhom u dawk li jieħdu ħsiebhom;

Emenda 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Premessa Cb (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Cb billi l-Artikolu 9 CRPD jirrikonoxxi li għandhom jittieħdu miżuri xierqa biex jiġi żgurat li l-persuni b'diżabilità, b'mod partikolari l-bniet u n-nisa, ikunu jistgħu jgawdu minn aċċess reali għall-ambjent fiżiku, faċilitajiet tat-trasport, informazzjoni u komunikazzjoni, inklużi t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, u għal faċilitajiet u servizzi oħra li huma miftuħa għall-pubbliku jew ipprovduti lilhom, kemm f'żoni rurali kif ukoll urbani;

Emenda 9

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cc (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Cc billi l-persuni b'diżabilità, u b'mod partikolari n-nisa b'diżabilità, ikollhom dħul aktar baxx u ħafna drabi mhumiex sidien ta' vetturi; billi n-nisa jgħixu aktar fit-tul mill-irġiel u hemm ħtieġa dejjem akbar li tiġi promossa l-prossimità tal-viċinat, spazji għall-mixi u l-adattament tal-bini u tad-djar sabiex jitnaqqsu l-fatturi li jikkontribwixxu għall-esklużjoni tagħhom mill-ħajja soċjoekonomika, l-edukazzjoni u d-dinja tax-xogħol; billi ambjent mibni mfassal tajjeb fl-attivitajiet u s-servizzi kollha relatati mal-isfera pubblika jippermettu u jħeġġu lin-nisa, u speċjalment in-nisa b'diżabilità, biex dawn ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-ħajja soċjoekonomika;

Emenda 10

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cd (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Cd billi n-nisa passiġġieri jaqbżu lill-irġiel passiġġieri fit-trasport pubbliku, b'kunsiderazzjoni tal-fatt li n-nisa spiss ikollhom xejriet tat-trasport aktar kumplessi billi bosta fosthom jipprovdu kura għall-membri dipendenti tal-familja, u l-aċċessibilità sikura għat-trasport u għas-servizzi u l-prodotti relatati mat-trasport għandhom ikunu faċilment disponibbli għal persuni b'diżabilità biex jiġi żgurat li dawn ikunu jistgħu jgawdu mobilità indipendenti;

Emenda 11

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ce (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ce billi n-nisa u l-bniet b'diżabilità spiss isofru minn nuqqas ta' informazzjoni dwar id-drittijiet sesswali u riproduttivi tagħhom u nuqqas ta' ħarsien ta' dawn, u għandhom f'it jew ebda aċċess għal servizzi u prodotti li jippermettulhom jibbenefikaw b'mod sħiħ minn dawk id-drittijiet;

Emenda 12

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cf (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Cf billi l-appoġġ, il-protezzjoni, il-komunikazzjoni, is-servizzi ta' kura tas-saħħa, bħal dawk relatati ma' kura primarja tas-saħħa, il-vjolenza kontra n-nisa, l-indukrar tat-tfal, il-maternità u d-drittijiet sesswali u riproduttivi femminili, għandhom ikunu kompletament aċċessibbli fil-lingwi, forom u formati kollha għan-nisa kollha, u speċjalment in-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet;

Emenda 13

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cg (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Cg billi l-persunal tas-servizzi tas-saħħa għandu jitħarreġ kif xieraq f'dak li jirrigwarda kwistjonijiet sensitivi għad-diżabilità, bil-ħsieb li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabilità; billi l-impjegar ta' persuni b'diżabilità f'unitajiet tas-servizzi tas-saħħa se jippermetti li l-pazjenti b'diżabilità jħossuhom aktar

komdi u jħossu li hemm xi ħadd li jista' jifhem u jindirizza l-bżonnijiet tagħhom; billi l-impjegar ta' persuni b'diżabilità f'servizzi pubbliċi, bħal servizzi tal-kura tas-saħħa, ikun ukoll motivazzjoni għall-persuni b'diżabilità;

Emenda 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Premessa Ch (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ch billi l-parteciżazzjoni ta' persuni b'diżabilità, b'mod partikulari n-nisa, fil-ħajja politika u pubblika, fejn spiss mhumiex rappreżentati biżżejjed, jeħtieġ li tiġi indirizzata ulterjorment, skont l-Artikolu 29 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità;

Emenda 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Premessa Ci (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ci billi, minkejja bosta konvenzjonijiet internazzjonali u dispożizzjonijiet tal-liġi Ewropea, kif ukoll l-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità, il-persuni b'diżabilità għadhom mhux qed igawdu bis-sħiħ mid-drittijiet tagħhom soċjali u ta' ċittadini, peress li, pereżempju, m'għandhomx opportunitajiet ġusti u ugwali biex jipparteċipaw fil-ħajja politika, soċjali u ekonomika; billi n-nisa u l-bniet b'diżabilità għadhom mhux qed jiġu involuti fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet u fil-progress b'rabta mal-ugwaljanza bejn is-sessi;

Emenda 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Premessa Cj (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Cj billi l-ugwaljanza bejn is-sessi ma kinitx orizzontalment integrata fl-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020; billi t-TFUE jobbliga lill-Unjoni tiġġieled kull diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabilità meta tiddefinixxi u timplimenta l-politiki u l-attivitajiet tagħha (l-Artikolu 10) u jagħtiha s-setgħa li tadotta leġiżlazzjoni li tindirizza tali diskriminazzjoni (l-Artikolu 19); billi l-Artikoli 21 u 26 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprojbixxu b'mod espliċitu d-diskriminazzjoni abbażi tad-diżabilità u jitolbu l-parteeċipazzjoni ugwali tal-persuni b'diżabilità fis-soċjetà; billi t-trattament ugwali jista' jiġi żgurat billi jiġu applikati miżuri u politiki pożittivi għan-nisa b'diżabilità u l-ommijiet ta' tfal b'diżabilità; billi l-inklużjoni ta' dimensjoni dwar is-sessi fl-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità wara l-2020 mistennija ser tikkontribwixxi għal approċċ integrat biex tiġi eliminata d-diskriminazzjoni kontra n-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet;

Emenda 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Premessa Ck (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ck billi 75 % tal-persuni b'diżabilità serja ma għandhomx l-opportunità li jipparteċipaw bis-sħiħ fis-suq tax-xogħol Ewropew; billi l-proporzjon ta' nisa impjegati fl-UE-28 bi problema ta' saħħa u/jew diffikultà bażika fl-attività, u li rrappurtaw li kienu għamlu użu minn xi

tip ta' assistenza fuq il-post tax-xogħol, huwa ogħla mill-proporzjon ekwivalenti għall-irġiel; billi n-nisa b'diżabilità huma f'riskju akbar ta' faqar u għalhekk ix-xkiel għall-parteciċipazzjoni tagħhom u l-inklużjoni fis-suq tax-xogħol, il-programmi edukattivi u l-ħajja soċjali għandu jitneħħa b'mod urġenti;

Emenda 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Premessa CI (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

CI billi 34 % tan-nisa li għandhom problema tas-saħħa jew diżabilità esperjenzaw vjolenza fiżika jew sesswali minn sieħeb f'ħajjithom;

Emenda 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9a Jenfasizza l-importanza li jiġu ottimizzati l-Fondi Strutturali tal-UE għall-promozzjoni tal-aċċessibilità u n-nondiskriminazzjoni rigward il-persuni b'diżabilitajiet, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lin-nisa, u l-importanza li jkun hemm azzjoni biex tiżdied il-viżibilità tal-possibilitajiet ta' finanzjament;

Emenda 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9b Jenfasizza l-fatt li n-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet isofru minn diskriminazzjoni doppja minħabba l-intersezzjoni tal-ġeneru u d-diżabilità, u jistgħu ħafna drabi jkunu esposti għal diskriminazzjoni multipla li tirriżulta minn intersezzjoni tal-ġeneru u d-diżabilità mal-orjentazzjoni sesswali, l-età, u r-reliġjon jew l-etniċità;

Emenda 21

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9c (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9c Jiddispjaċih li l-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020 attwalment fis-seħħ ma rnexxilhiex tadotta atti leġiżlattivi effettivi u miżuri u politiki li jindirizzaw b'mod determinat is-segregazzjoni u r-rifjut ta' nisa b'diżabilitajiet fis-suq tax-xogħol, il-ħajja politika, l-iskejjel u l-ambjenti ta' taġlim;

Emenda 22

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9d (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9d Itenni li l-persuni kollha b'diżabilità għandhom ikunu jistgħu jgawdu bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom fuq bażi ta' inklużjoni u parteċipazzjoni fis-soċjetà;

Emenda 23

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9e (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9e *Jenfasizza bi tħassib li n-nisa u l-bniet b'diżabilità huwa aktar probabbli li jsiru vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, speċjalment vjolenza domestika u sfruttament sesswali; jirrimarka li dan jikkonċerna wkoll sterilizzazzjoni u abort furzati; jenfasizza li għandhom jittieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jiġi evitat kull tip ta' abbuż u li jiġi pprovdut appoġġ ta' kwalità għolja, aċċessibbli u mfassal apposta lill-vittmi ta' vjolenza;*

Emenda 24

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9f (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9f *Jenfasizza l-fatt li l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità hija kwistjoni ta' drittijiet tal-bniedem fundamentali, li jeħtieġ li tiġi indirizzata b'mod xieraq fil-livell Ewropew;*

Emenda 25

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9g (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9g *Itenni li n-nisa b'diżabilità ta' spiss huma f'pożizzjoni aktar żvantaġġata mill-irġiel b'diżabilità u huma aktar ta' spiss vittmi tal-faqar u l-esklużjoni soċjali;*

Emenda 26

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9h (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9h *Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintroduċu politiki biex jippermettu u jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni tan-nisa u l-bniet b'diżabilità fil-ħajja soċjali, ekonomika u politika; jenfasizza li n-nisa u l-bniet b'diżabilità, permezz tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, għandhom jiġu kkonsultati mill-qrib u involuti b'mod attiv fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni u politiki li jiżguraw in-nuqqas ta' diskriminazzjoni u opportunitajiet indaqs; jitlob li jkun hemm dialogu strutturat u ġenwin bejn l-UE u l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabilità għat-tfassil tal-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità wara l-2020;*

Emenda 27

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9i (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9i *Jinsisti li l-politiki dwar id-diżabilità għandhom jieħdu approċċ integrat għat-trattament ugwali bejn is-sessi;*

Emenda 28

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9j (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9j *Jenfasizza l-fatt li l-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020 għandha tinkludi perspettiva li tintegra l-ġeneri jew kapitolu separat dwar politiki*

dwar id-diżabilità speċifiċi għall-ġeneri;

Emenda 29

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9k (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9k Jenfasizza l-importanza ta' integrazzjoni tad-diżabilità fil-politiki u l-programmi skont il-ġeneru;

Emenda 30

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9l (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9l Jenfasizza l-ħtieġa għal mudelli eżemplari għal nisa u bniet b'diżabilitajiet, inkluż il-mentoring u netwerks ta' appoġġ;

Emenda 31

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9m (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9m Jenfasizza li n-nisa b'diżabilitajiet għandhom igawdu d-dritt għall-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-impjeg, il-mobilità, il-ħajja tal-familja, ir-relazzjonijiet sesswali, iż-żwieġ u l-maternità, kif ukoll is-salvagwardji li jggarantixxu dawn id-drittijiet;

Emenda 32

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9n (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9n Jenfasizza li jrid isir aktar biex jingħelbu l-isterjotipi u l-preġudizzji dwar id-diżabilità, u li n-nisa u l-bniet b'diżabilità għandu jkollhom iktar viżibilità fil-mezzi tax-xandir sabiex jinbidlu n-normi soċjali prevalenti ta' esklużjoni; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jinvestu f'inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni tal-pubbliku għal dan l-għan;

Emenda 33

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9o (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9o Jenfasizza li iktar rikonoxximent appoġġ għandhom jingħataw lil dawk b'diżabilitajiet moħbija jew inviżibbli, b'mod partikolari n-nisa u l-bniet, li jistgħu jiffaċċjaw sfidi u ostakli speċifiċi;

Emenda 34

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9p (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9p Itenni l-fatt li l-impatt sproporzjonat ta' politiki ta' awsterità ekonomika u tnaqqis fil-baġit tas-settur pubbliku fuq persuni b'diżabilità, b'mod partikolari nisa u tfajliet, li spiss iqiegħed il-benesseri, is-saħħa u anke l-ħajja tagħhom f'riskju;

Emenda 35

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9q (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9q *Jitlob miżuri speċifiċi ta' politika biex tiġi indirizzata l-vjolenza u l-abbuż li jaffettwaw lil persuni b'diżabilità u b'diffikultajiet fit-tagħlim, b'mod partikolari n-nisa u l-bniet, inklużi intimidazzjoni, bullying u fastidju online, kif ukoll il-vjolenza f'sitwazzjonijiet ta' kura formali u informali;*

Emenda 36

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9r (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9r *Jenfasizza r-rwol tat-trejdjunjinsns, l-assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem u l-organizzazzjonijiet ta' taħriġ u ta' tagħlim tul il-ħajja biex jindirizzaw id-diskriminazzjoni multipla li jħabbtu wiċċhom magħha n-nisa u l-bniet b'diżabilità u l-ostakli għall-inklużjoni tagħhom;*

Emenda 37

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9s (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9s *Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw l-integrazzjoni tal-ġeneri fl-oqsma rilevanti kollha tal-politika tad-diżabilità;*

Emenda 38

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9t (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9t Jenfasizza l-ħtieġa li n-nisa u l-bniet b'diżabilità jkunu infurmati dwar id-drittijiet tagħhom u s-servizzi liċ-ċittadini għad-dispożizzjoni tagħhom (l-*edukazzjoni, is-saħħa, il-ġustizzja, it-trasport, in-negozjati mal-amministrazzjoni, eċċ.*); jenfasizza li din l-informazzjoni għandha tingħata b'mod sempliċi u sikur, filwaqt li jitqiesu metodi differenti ta' komunikazzjoni, midja u formati magħżula minnhom u, fejn applikabbli, il-grad ta' diżabilità mentali tagħhom, sabiex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet għalihom infushom;

Emenda 39

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9u (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9u Iqis li l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għandu jipprova gwida f'livell Ewropew u tal-Istat Membru fir-rigward tas-sitwazzjoni speċifika tan-nisa u l-bniet b'diżabilità, u għandu jkollu rwol attiv fil-ħidma ta' promozzjoni biex jiżgura d-drittijiet indaqs u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni;

Emenda 40

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9v (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9v Jenfasizza li huwa neċessarju li jiġi żgurat li n-nisa u l-bniet b'diżabilità jkunu jistgħu jgħixu b'mod indipendenti u

jipparteċipaw b'mod sħiħ fl-oqsma kollha tal-ħajja fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, u speċjalment fuq bażi ugwali mal-popolazzjonijiet ta' referenza tagħhom; għalhekk, għandhom jittieħdu miżuri xierqa biex jiġi żgurat li n-nisa u l-bniet b'diżabilità jkollhom aċċess għall-ambjent fiżiku, għat-trasport, għall-informazzjoni u l-komunikazzjonijiet, inklużi teknoloġiji u sistemi tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, u għal faċilitajiet oħra u servizzi miftuħa jew ipprovduti lill-pubbliku, kemm f'żoni urbani kif ukoll rurali; jenfasizza li sabiex ikun hemm integrazzjoni xierqa tal-ġeneru fil-miżuri dwar id-diżabilità, l-ippjanar, il-proġetti, il-programmi u r-rappurtaġġ, jeħtieġ li jiġu stabbiliti salvagwardji biex jiżguraw li n-nisa b'diżabilità jkunu jistgħu jipparteċipaw f'dawn il-proċessi fil-korpi jew awtoritajiet rilevanti, preferibbilment bħala konsulenti jew esperti, sabiex ikun żgurat li waqt id-diżinn ta' ambjenti, oġġetti u servizzi, il-ħtiġijiet u t-talbiet speċifiċi tal-popolazzjoni femminili b'diżabilità jkunu kkunsidrati;

Emenda 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 9w (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9w *Itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta strateġija Ewropea komprensiva biex tiġġieled il-vjolenza kontra n-nisa li tinkludi strument leġiżlattiv għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza sessista, b'attenzjoni partikulari fuq in-nisa u l-bniet b'diżabilità;*

Emenda 42

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9x (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9x *Ihegġegħ lill-Istati Membri jadottaw miżuri ħalli jkun żgurat li n-nisa u l-bniet b'diżabilità jistgħu jgawdu d-drittijiet tas-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom, inkluża edukazzjoni sesswali adattata fejn meħtieġ għall-kapaċità intellettuali tal-persuni b'diżabilità tal-mara jew tat-tifla kkonċernati, ibbażata fuq il-kunsens liberu u informat tal-individwu kkonċernat u b'kunsiderazzjoni xierqa tal-integrità fiżika tagħhom, il-libertà tal-għażla u l-awtodeterminazzjoni;*

Emenda 43

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9y (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9y *Ifakkar li l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali fost il-persuni b'diżabilità hija marbuta mill-qrib mal-kwistjoni ta' kundizzjonijiet aħjar għal membri tal-familja li ta' sikwit jaġixxu bħala indukraturi mhux imħallsa u ma jitqisux bħala persuni impjegati; ihegġegħ, għalhekk, lill-Istati Membri jippreżentaw l-istrateġiji nazzjonali ta' appoġġ għall-induktraturi informali, li fil-biċċa l-kbira huma nisa qraba ta' persuni b'diżabilità;*

Emenda 44

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9z (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9z *Jenfasizza l-valur ta' mikrostrumenti finanzjarji għall-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir; jistieden lill-Istati*

Membri jagħmlu dawn l-istrumenti disponibbli aktar faċilment għan-nisa b'diżabilità;

Emenda 45

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9aa (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9aa Jenfasizza l-importanza ta' ħajja indipendenti għall-persuni b'diżabilità; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta strateġija Ewropea komprensiva ta' deistituzzjonalizzazzjoni, b'kont meħud ukoll ta' kwistjonijiet speċifiċi tan-nisa b'diżabilità;

Emenda 46

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9ab (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9ab Jenfasizza li bl-għan li jiġi żgurat għajxien indipendenti għall-persuni b'diżabilità, huwa meħtieġ li jingħata appoġġ lir-riċerka u l-innovazzjoni fir-rigward tal-iżvilupp ta' prodotti li jgħinu lill-persuni b'diżabilità fl-attivitajiet ta' kuljum tagħhom;

Emenda 47

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9ac (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9ac Jenfasizza li l-għadd ta' anzjani qiegħed jikber u li, skont id-WHO, il-prevalenza tad-diżabilità hija ogħla fost in-nisa, li huma affettwati b'mod

partikolari minn dan il-fenomenu minħabba li l-istennija tal-għomor tagħhom hija itwal; jenfasizza li, għalhekk, se jkun hemm żieda proporzjonali fin-numru ta' nisa b'diżabilità;

Emenda 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 9ad (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9ad Itenni l-ħtieġa urġenti li tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet b'diżabilità f'ambjenti privati, istituzzjonali u pubbliċi; jilqa' d-deċiżjoni tal-Kunsill li l-UE ssir parti kontraenti mill-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul) bħala pass importanti fil-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet b'diżabilità; jiddispjaċih li l-Kunsill illimita l-adeżjoni tal-UE għal żewġ oqsma, jiġifieri l-kooperazzjoni f'materji ġudizzjarji u materji dwar ir-rifuġjati u dawk li qed ifittxu asil u non-refoulement;

Emenda 49

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 9ae (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9ae Jenfasizza li n-nisa u l-bniet b'diżabilità, inklużi dawk li jappartjenu għal gruppi emarġinati u dawk vulnerabbli, bħar-rifuġjati nisa, il-migranti u l-persuni li jfittxu asil jew persuni Roma, kif ukoll il-persuni LGBTI, qed jiffaċċjaw diskriminazzjoni multipla, u għalhekk għandhom jiġu abilitati u

mogħtija s-setgħa sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-ħajja politika u fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet sabiex ikun żgurat li l-interessi tagħhom jiġu espressi u d-drittijiet tagħhom jiġu appoġġjati u protetti, biex b'hekk tinholq perspettiva tal-ġeneru ġenwina fil-livell lokali; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu servizzi u faċilitajiet adegwatament adattati li jiżguraw it-tiżni sabiex ikollhom involviment u parteċipazzjoni attiva, u biex jinvestu f'teknoloġiji assistivi u adattabbli u fl-inklużjoni elettronika;

Emenda 50

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 9af (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9af Jenfasizza li sabiex tinkiseb ħajja awtonoma u indipendenti għall-persuni b'diżabilità, speċjalment għan-nisa, l-assistenza mogħtija individwalment u personalment hija mezz li jappoġġja lilhom u lill-familji tagħhom, billi jagħmilha possibbli li dawn ikollhom aċċess għal postijiet tax-xogħol u istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u jappoġġjahom f'każ ta' tqala u maternità;

Emenda 51

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

10a Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza d-diżabilità fl-Impenn Strateġiku għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2016–2019) tagħha;

Emenda 52

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

11a *Jiddenunzja l-fatt li l-Kunsill għadu m'adottax il-proposta għal direttiva tal-2008 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni, irrISPettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali; itenni t-talba tiegħu lill-Kunsill biex jagħmel dan mill-aktar fis possibbli;*

Emenda 53

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

12a *Jinsisti li data diżaggregata skont il-ġeneru għandha tinġabar sabiex jiġu identifikati l-forom ta' diskriminazzjoni multipla intersezzjonali li jiffaċċjaw in-nisa u l-bniet b'diżabilità, fl-oqsma kollha koperti mill-Konvenzjoni ta' Istanbul u fejn rilevanti;*

Emenda 54

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

18a *Jenfasizza l-importanza li n-nisa b'diżabilità jiġu integrati fis-sistemi edukattivi u professjonali standard;*

Emenda 55

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

26a *Iqis li n-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet għandu jkollhom aċċess sħiħ għall-kura medika li tkun tlaħħaq mal-ħtiġijiet partikolari tagħhom, inkluża l-konsultazzjoni ġinekoloġika, eżamijiet mediċi, ippjanar tal-familja u appoġġ adattat għal matul it-tqala; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li d-dispożizzjoni tal-kura tas-saħħa pubblika nazzjonali tagħhom, tinkludi aċċess tajjeb għal dawn is-servizzi;*

Emenda 56

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26b (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

26b *Jiġbed l-attenzjoni dwar nuqqasijiet (eż. faċilitajiet ta' skrinjng tal-kanċer inaċċessibbli għan-nisa f'siġġu tar-roti, nuqqas ta' materjal ta' informazzjoni adattat għal persuni b'diżabilità) li jippersistu fl-għoti tal-kura tas-saħħa għal persuni b'diżabilità; iħeġġeġ lill-Istati Membri jipprovdu edukazzjoni u taħriġ adegwat lill-persunal tal-kura tas-saħħa rigward il-ħtiġijiet speċifiċi ta' pazjenti b'diżabilità;*

Emenda 57

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26c (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

26c *Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żgurati, fl-Istati Membri kollha, servizzi aċċessibbli tal-kura u tas-saħħa, kif ukoll l-appoġġ li jeħtieġu l-persuni b'diżabilità,*

sabiex tiġi ffaċilitata l-inklużjoni soċjali tagħhom; jenfasizza wkoll li l-opportunitajiet indaqs jistgħu jinkisbu biss jekk id-dritt għal inklużjoni u parteċipazzjoni jingħata fil-livelli u t-tipi kollha ta' għajxien;

Emenda 58

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 34a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

34a Itenni li n-nisa b'diżabilità spiss iħabbtu wiċċhom ma' sfidi u perikli saħansitra ikbar u f'pajjiżi involuti f'kunflitt u f'żoni ta' kunflitt; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa li jiħarsu n-nisa b'diżabilità, fil-politiki esterni tal-UE;

Emenda 59

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 35a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

35a Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE jagħmlu aċċessibbli l-kontenut u l-applikazzjonijiet tagħhom fuq l-internet, inklużi l-intranets tagħhom u d-dokumenti u l-kontenut awdjoviżiv essenzjali kollha, filwaqt li jiżguraw ugwalment l-aċċessibilità fiżika tal-bini tagħhom;

Emenda 60

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 35b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

35b Jissottolinja l-ħtieġa li tiġi

ffaċilitata l-parteċipazzjoni effikaċi u l-libertà ta' espressjoni tal-persuni b'diżabilitajiet fil-kuntest ta' avvenimenti pubbliċi jew laqgħat organizzati mill-istituzzjonijiet tal-UE jew miżmuma fl-istabbiliment tagħhom, bil-provvediment ta' didaskaliji u interpretazzjoni bil-lingwa tas-sinjali, u dokumenti bil-Braille u formati li huma faċli biex jinqraw;

Emenda 61

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 44a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

44a Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għall-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità 2020-2030 li tintegra bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tas-CRPD fil-leġiżlazzjoni u l-politiki futuri tal-UE u li hija konsistenti mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Impenn Strateġiku għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2019, sabiex jiġi żgurat li n-nisa u l-bniet b'diżabilità jkunu jistgħu jgawdu bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom bħal kwalunkwe persuna oħra;

Emenda 62

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 44b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

44b Ihegġegħ lill-Kummissjoni tressaq proposta kkonsolidata fi ħdan l-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità wara l-2020 u tadotta miżuri effettivi għall-prevenzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa u t-tfal b'diżabilità, li jkunu jimmiraw familji, komunitajiet, professjonisti u istituzzjonijiet; jenfasizza r-rwol

*importanti li għandhom l-istituzzjonijiet
edukattivi bħall-iskejjel fil-promozzjoni
tal-inklużjoni soċjali, u jenfasizza l-hteġa
li tiġi adottata politika tal-edukazzjoni
b'integrazzjoni tal-ġeneri madwar l-Istati
Membri;*

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

| | |
|---------------------------|----------|
| Data tal-adozzjoni | 4.9.2017 |
|---------------------------|----------|